

# PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

---

9.4.2008

0030/2008

## **DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB**

skond l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura

minn Marian Harkin, Gisela Kallenbach, Emmanouil Angelakas, Mieczyslaw Janowski, Joel Hasse Ferreira

dwar it-tħabbir tas-sena 2011 bħala s-Sena Ewropea tal-Volontarjat

Data ta' skadenza: 15.7.2008

0030/2008

**Dikjarazzjoni bil-miktub dwar it-tħabbir tas-sena 2011 bħala s-Sena Ewropea tal-Volontarjat**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra r-Rapport tal-Parlament Ewropew dwar il-kontribuzzjoni tal-volontarjat favur il-koeżjoni ekonomika u soċjali,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill dwar l-attivitajiet volontarji taż-żgħażaġħ tas-16 ta' Novembru 2007,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi hemm aktar minn 100 miljun Ewropew ta' kull età, ta' kull twemmin u ta' kull nazzjonalità li jagħmlu l-volontarjat,
- B. billi fl-2006, stħarriġ ta' l-Ewrobarometru wera' li 3 minn kull 10 persuni Ewropej jgħidu li huma attivi f'xogħol ta' volontarjat u li qrib it-80% tan-nies iħossu li l-attivitajiet volontarji huma parti importanti fil-ħajja demokratika fl-Ewropa,
- C. billi s-settur tal-volontarjat jikkontribwixxi madwar 5% tal-Prodott Gross Domestiku ta' l-ekonomiji nazzjonali tagħna, u jiżviluppa azzjonijiet innovattivi biex jidentifika u jirreaġixxi għall-bżonnijiet li jitfaċċaw fis-soċjetà,
- D. billi ċ-Ċentru Ewropew għall-Volontarjat, il-Forum Ewropew taż-Żgħażaġħ, l-Assoċjazzjoni ta' l-Organizzazzjonijiet għas-Servizzi Volontarji, il-Moviment Dinji ta' l-Iskawts, Is-Salib l-Aħmar/l-Uffiċċju ta' l-Unjoni Ewropea, il-volonteupe, l-AGE, is-Solidar, il-Caritas Ewropea, l-ENGAGE, il-Johanniter Internazzjonali, l-Organizzazzjoni Ewropea mhux Governattiva ta' l-Ispirts u oħrajn - li kollha jirrappreżentaw eluf ta' organizzazzjonijiet li jinvolvu miljun ta' voluntiera li kollha talbu lill-Istituzzjonijiet Ewropej biex iħabbru s-sena 2011 bħala s-Sena Ewropa tal-Volontarjat,
1. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea, appoġġjat mill-Istituzzjonijiet Ewropej kollha biex tħabbar is-sena 2011 bħala s-Sena Ewropea tal-Volontarjat;
  2. jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-lista tal-firmatarji, lill-Kummissjoni u lill-Kunsill.